MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru. 809/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**LOUIS BEZZINA ta’ 49 sena, iben Francis u Veronica nee’ Buhagiara, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-13.01.1962, residenti fil-fond numru 2, St Anthony Flats, Mountbatten Street, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 753062M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **LOUIS BEZZINA** li gie akkuzat talli:

Nhar is-6 ta’ April, 2000 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg

misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ispettur Jeffrey Cilia xehed li kienet insterqet karozza Peugeot u li minn go fiha nsterqu kwantita' konsiderevoli ta' telephones cellulari, top-up vouchers u starter packs tal-Vodafone. Din il-karozza kienet insterqet wara li zewg impjegati tal-Vodafone - Carmelo Cassar u Sergio Benevic, kienu hallewha startjata u nizlu jaghmlu xi qadi.

Fil-karozza misruqa kien hemm mija u sittin top-up voucher, erbgha u disghin CD starter, erba' Nokia mobile phones, u zewg mobile phones ohra ta' ditti varji. It-top-up vouchers li kienu nsterqu kienu gew diattivati minn naha tal-Vodafone.

Gara li Silvio Bartolo minn naha tal-Vodafone kienu nfurmah li zewg klijenti tal-Vodafone kienu xtraw top-up cards li ma kinux qeghdin jahdmu. Dawn it-top-up cards kienu fil-fatt, meta wiehed iqabbel is-serial number taghhom, parti minn dawk li kienu nsterqu. Irrizulta li dawn il-cards kienu nxtraw mis-Super Audio, St Luke's Road, Gwardamangia. L-Ispetur ghalhekk acceda fis-sit hawn imsemmi, fejn sab li l-proprjetarju kien l-imputat innifsu. Hemm wara l-counter sab card ohra, wahda minnhom parti mill-'lot' misruq. Qal ukoll l-Ispettur illi sab anke card ohra fuq wiehed mill-impjegati, Eric John Schembri, card li kienet taghmel parti mill-istess 'lot' misruq. Qal l-Ispettur

illi ghalhekk b'kollox minghand l-imputat sabu erbgha, wahda wara l-counter, wahda ghand l-impjegat, u tnejn ohrajn mixtrijin.

F'dan l-istadju, **<u>erronjament</u>** (enfasi tal-Qorti) giet ezebita l-istqarrija ta' Eric John Schembri.

Kompla l-Ispettur illi mill-investigazzjonijiet tieghu, irrizultalu li l-imputat kien izomm sales report ghal kull gurnata. Ghalhekk meta l-Ispettur ezamina dawn is-sales reports, irrizultalu li bejn it-30 ta' Marzu u s-6 ta' April, sab illi l-imputat kien biegh sbatax-il top-up card, u fit-30 ta' Marzu kien xtara tletin li minnhom kien biegh sbatax – ghalhekk suppost kein fadallu tlettax. Ghalhekk l-Ispettur fil-fatt vera kien sab tlettax, pero erbgha minn dawn kienu dawk il-misruqin, b'dan allura li kien qieghed isir bejgh ta' cards li ma kinux qed jitnizzlu fid-daily sales report. Fil-fatt, inkluz l-erba' cards misruqa, l-Ispettur kellu ghalhekk isib aktar minn tlettax-il card.

L-imputat kien anke kkonfermalu li hu kien xtara tletin card ohra, darba li kienu spiccawlu ta' qabel. Ezebixxa l-Ispettur l-invoice li kienet turi s-serial number tal-card misruqa, Dok BL4.

In kontro ezami kkonferma li wahda mill-cards kienet instabet ghand l-impjegat Eric John Schembri, l-istess kienet fil-wallet ta' Schembri. Qal l-Ispettur li kien anke ghalhekk li nvestiga lil Schembri, li pero kien qallu li kien xtara l-istess card u li kien irrapporta lil Vodafone meta ma hadmitlux. Oltre hekk irrizulta wkoll illi Eric John Schembri kien bis-sick leave meta kienet saret is-serqa.

Ikkonferma wkoll illi fil-fatt hu ghand l-imputat ma kienx ghamel search, pero kien l-imputat li wara hekk mitlub kien tah hu l-affarijiet. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien dejjem innega l-involviment tieghu f'dan ir-reat. Irrizultalu wkoll illi fil-fatt kien is-salesman li ma kienx nizzel l-entry fuq is-sales record.

Din is-serqa giet ghalhekk ikkonfermata minn Carmel Cassar u Sergio Benevic – it-tnejn impjegati mal-Vodafone, li kienu qed iqassmu x-xoghol bil-van.

Mario Bezzina, kugin ta' l-imputat, li kien imur jghin fil-hanut ta' l-istess, ikkonferma li l-cards kienu nxtraw kif suppost minghand il-Vodafone. Ikkonferma wkoll li hu stess kien biegh card li fil-fatt ma kinitx tahdem u dwar dan kellu lment minghand ix-xerrej. Qal illi din il-card li biegh, kienet fil-fatt go kaxxa go cupboard, qalb ohrajn, mal-mazz.

Ikkonferma meta nqralu l-statement, ghax ghal kollox nesa dak li kien qal lill-Ispettur, li fil-fatt lil Louis qatt ma rah jixtri minn fuq l-idejn imma dejjem xtara bl-ircevuti. Innega wkoll illi l-imputat qatt tah xi struzzjonijiet li ma jnizzilx xi sales fir-rapport gurnaljier tal-bejgh. Ikkonferma wkoll illi dik il-gimgha sakemm kien jaf hu, ma kien mar hadd ibieghilhom il-cards.

Xehed ukoll l-impjegat Eric Schembri, dan qal illi anke hu kien xtara card tal-Vodafone li ma hadmitlux – cempel ghalhekk lill-istess socjeta'. Ikkonferma li din il-card inxtrat minghand Bezzina.

Xehed anke l-imputat minn jeddu – qal illi mill-hanut tieghu kien ibiegh top-up cards tal-mobile apparti affarijiet ohra. Qal ukoll illi fix-showroom ta' Triq Gwardamangia, kien jahdem certu Eric Schembri. Spjega li x-xoghol tieghu jigi ordnat mit-Tape Centre ghax-showroom, b'dan illi l-bzonnijiet jigu mghoddija lilu mix-showroom. Qal illi kien avvicinah persuna b'ilment illi t-top-up card ma kinitx tajba, idderigieh biex icempel lil Vodafone. Ammetta li bhala top-up cards, il-pulizija sabulu tnejn jew tlieta aktar mill-stock. Ma kienx jaf jispjega kif kellu top-up cards zejda, stante kien hu li kien jiffirma ghalihom. Qal illi kull oggett li jidhol ix-showroom, ma jistax hekk jidhol jekk ma kienx jiffirma ghalih hu. Qal li kull ma jidhol fix-showroom jirrizulta anke mill-stock take. Qal illi ma' dak li gara, li gie lilu addebitat, ma kellux x'jaqsam.

Ammetta in kontro ezami li kull ma kien jinxtara ghall-hanut, ried jghaddi minn taht idejh. Ammetta li l-licenzja tal-kumpanija Super Audio Ltd kienet fuqu, kif ukoll illi hu kien id-direttur ta’ din il-kumpanija.

Fl-istqarrija prezentata mill-Ufficjal Prosekutur, rilaxxata mill-imputat, dan qal illi kellu zewg hwienet – Tape Centre u Super Audio. Dwar it-top-up cards misjuba gol-hanut tieghu, qal illi ma kien jaf xejn. Anzi qal illi hu lis-CID kien tahom kull ma kien fadal, kif ukoll l-ircevuti ta’ meta xtara t-top-up cards.

Qal illi hu ma kienx jaf kif dawn il-cards misruqa, wahda misjuba, dahlet gol-hanut tieghu. Qal illi suppost li kull ma jidhol fil-hanut irid jghaddi minn taht idejh, ihallsu u jnizzlu fl-stock. Qal illi x-xiri kollu ta’ l-affarijiet li jidhlu fil-hanut tieghu jsir dejjem mit-Tape Centre fejn ikun hu. Innega li dawn il-cards misruqa ghaddew minn taht idejh u ma kienx jaf min seta’ dahhalhom fil-hanut. Qal illi ma kien jaf xejn dwar card misjuba li ma hadmitx, dan ghaliex dawn l-affarijiet ma kienx jaghti kashom. Dwar il-fatt illi kien baqaghlu aktar cards milli kien jidher fuq id-daily sales, wiegeb illi kien jahseb illi lil min kien bieghhom ma kienx nizzilhom, pero li ma kienx hu ghaliex hu ma kienx gewwa s-Super Audio.

Innega li hu qatt qal lill-impjegati tieghu biex certi cards ma jnizzluhomx. Innega li kien hu li kien xtara l-cards misruqa. Innega li hu ghen fis-serqa ta’ Haz-Zebbug.

Ikkunsidrat:

Illi certament kif ben ippuntwalizza l-Ufficjal Prosekutur fil-kontro ezami ta’ l-imputat, huwa ma kienx preciz dwar dak li qal fl-istqarrija, cioe’ li ma kien jaf b’xejn dwar it-top-up cards, ghal dak li qal viva voce li cioe’ persuna marret tilmenta mieghu dwar il-fatt illi wahda mixtrija minghandu ma kinitx tahdem. Kif qal ben sew l-Avukat Difensur l-unika ness li hemm bejn l-imputat u dawn it-top-up cards kien li nxtraw minn hanut tieghu, pero mhux gestit minnu. Ammetta li kien hu li kien jahgmel kull ordni, pero dejjem bis-sewwa. Ghalkemm ma kienx jaf jispjega d-

diskrepanza li kien hemm fl-stock, baqa' nsistenti li ma kien jaf b'xejn dwar il-cards.

Frankament din il-Qorti, ghalkemm ma ssib ebda spjegazzjoni ghad-diskrepanza msemmija, accettanti wkoll illi l-imputat ghandu l-kontroll ex admissis ta' kull ma jinxtara u jidhol gol-hwienet tieghu (tnejn), xorta ma hix konvinta li giet pruvata dik ix-xjenza li trid il-Ligi biex jigi kostitwit ir-reat ta' ricettazzjoni, ghaldaqstant qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------